# L-ISPANJULETT

*Michael Grima*

Fi żmien il-passa jidher jissaqqar *(hovering)* bilkemm jiċċaqlaq kontra r-riħ, b'denbu miftuħ u l-ponot tal-ġwienaħ jirtogħdu, iħares 'l isfel biex forsi jilmaħ xi ħaġa tajba għall-ikel. U meta jaraha dlonk jogħdos għal fuqha.

L-Ispanjulett huwa wieħed mill-ftit għasafar li kapaċi jieqfu fl-arja, jissaqqru, ifittxu l-priża tagħhom. Huwa wkoll wieħed mil-għasafar tal-priża li jidhru fiż-żewġ pases hawn Malta, jiġifieri dik tar-rebbiegħa u dik tal-ħarifa. Ġieli xi waħdiet jibqgħu għaxxitwa magħna. Oħrajn ġieli jidhru matul is-sajf.

Bħall-isqra l-oħra, l-Ispanjulett għandu l-ġwienaħ bil-ponta u d-denb tawwali. Ir-raġel ikun iżgħar mill-mara iżda forsi xi ftit isbaħ, għax għandu rasu u denbu griżi fl-ikħal. Taħt għajnejh għandu marki suwed qishom mustaċċi. Id-dahar u l-ġwienaħ huma kannella skuri b'tikek suwed waqt li l-ponot tal-ġwienaħ huma skuri ħafna. Id-denb jispiċċa b'faxxa wiesgħa sewda u oħra bajda rqiqa fit-tarf. Minn taħt għandu lewn ramli b'tikek suwed u t-truf tal-ġwienaħ huma griżi.

Il-mara m'għandhiex il-lewn griż. Ir-ras, id-dahar, il-ġwienaħ u d-denb huma kollha kannella bi strixxi rqaq suwed fuq id-dahar u d-denb. L-aħħar strixxa tad-denb hija aktar wiesgħa mill-oħrajn. Minn taħt tixbaħ ħafna lir-raġel, ħlief li t-tikek huma aktar spissi.

L-Ispanjulett kien aktar komuni fil-passat u xi pari kienu jbejtu regulari fl-irdumijiet, bħal dawk f'Ta' Ċenċ, Għawdex, jew f'xi swar madwar l-ibliet bħalma kienet tagħmel iċ-Ċawla. Kull sena xi par għadu jipprova jbejjet, iżda minħabba dawk li l-gost tagħhom huwa li joqtlu l-għasafar, dan l-għasfur m'għandux ċans ikollu l-frieħ fil-gżejjer Maltin.

Il-mara tbid minn tlieta sa sitt bajdiet għall-ħabta ta' Mejju, ġo bejta li tkun sabet lesta jew fuq xi xifer tal-blat. Ġeneralment hija biss toqgħod fuq il-bajd u r-raġel jieħu postha biss għal ftit ħin. Iżda r-raġel jieħu ħsieb il-qbid tal-priża.

Meta wara xi xahar il-bajd ifaqqsu, l-omm tqatta' biċċiet żgħar mill-priża li jaqbad ir-raġel u tpoġġihom f'ħalq il-frieħ tagħha. Iżda dawn jitgħallmu jieklu l-priża waħidhom wara xi tliet ġimgħat, meta l-omm tmur tgħin lir-raġel hi wkoll fil-qbid tal-priża.

---

*Kull sena xi par Spanjulett jipprova jbejjet fil-gżejjer Maltin, iżda jisfa' vittma ta' dawk li l-gost tagħhom huwa li joqtlu l-għasafar.*



L-Ispanjulett jiekol ġrieden, rettili bħall-gremxul u sriep żgħar, u insetti bħall-ħanfus u ġurati. Jista' wkoll jiekol għasafar żgħar. Kif jidher, hawn Malta hawn ikel biżżejjed biex iżomm xi ftit pari spanjuletti, u postijiet fejn jagħmlu l-bejta hawn ukoll. Dan l-għasfur, bħat-tajr tal-priża kollha, huwa mħares bil-liġi u ma jistax jiġi bbalzmat. Sfortunatament, iżda, hawn ukoll ħafna egoisti li joqtlu dawn l-għasafar għall-ibbalzmar.

Kemm ikun isbaħ li kieku l-Ispanjulett jitħalla jittajjar ħieles u jbejjet fl-ambjent naturali Malti!





ISSIEĦEB MA' L-

# SSCN

ISEM:

Data tat-twelid (taħt il-25 sena):

INDIRIZZ:

Kodiċi postali: Tel:

*Ħlas mill-membri:*

| | |
|---|---|
| 1. Sa 14-il sena | LM 1 |
| 2. Minn 15-il sena 'l fuq | LM 2 |
| 3. Koppja miżżewġa | LM 3 |
| 4. Min igħix barra minn Malta | LM 5 |
| 5. Imsieħeb għal għomru | LM50 |
| 6. Sħubija bħala rigal lil ħaddieħor (Nru.) | |

Firma:

Data:

*Ibgħat din it-talba lil:*

SSCN — SOĊJETA' GĦALL-ISTUDJU U L-ĦARSIEN TAN-NATURA
Kaxxa Postali 459, Valletta, CMR 01

*Ċekkijiet jew Money Orders għandhom ikunu indirizzati lill-SSCN*